**27 ta' April, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Prof. Joseph H. Xuereb, LL.D.**

Dottor Francesco Masini ne.

*versus*

Wilfred Podestà ne.

**"Requisition Order" — Nullità — Rinunzja — Att II tal-1949.**

*L-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ tal-ordnijiet għar-rekwiżizzjoni ta' djar ma jistgħax joħroġ Ordni f'forma determinata u mbagħad juża l-fond rekwiżizzjonat għal skop li mhuwiex ġustifikat fl-istess Ordni; salva l-fakoltà li, wara li jkun daħal fil-pussess legali tal-fond, u jkun użah għall-iskop preċiżat fl-Ordni, huwa jbiddel dak l-użu fis-sens tal-Liġi. Imma jekk l-Ordni jkun inħareġ anki "għal raġunijiet ta' nteress publiku", l-Ordni ma jistgħax jiġi attakkat b'nullità minħabba l-użu li għalieh ikun ġie allokat. jekk dan l-użu jkun wieħed ta' nteress publiku.*

*Jekk mbgħad is-sid tal-fond rekwiżizzjonat, meta kien jaf taħt liema forma kien ħareġ l-Ordni tar-Rekwiżizzjoni, u wara li kien jaf għal liema użu ġie allokat il-fond rekwiżizzjonat, minflok jattakka dak l-Ordni, b'nullità, jitlob li, minħabba dak l-użu, jiġi lilu korrispost kera adegwat għal dak l-użu, bl-atteġġjament tiegħu jiġi li rrinunzja għad-difett fir-rekwiżizzjoni, u ma jistgħax aktar iqajjem dik in-nullità.*

**Il-Qorti:**— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi b'Requisition Order numru 16878 tas-16 ta' Lulju 1957 il-konvenut Podestà nomine rrekwiżizzjona mill-poter tal-konvenuta Michelina Scerri d-dar 137 Race Course Street, Victoria, Gozo. li hija ta' proprjetà tal-attur nomine (dok. A); illi din ir-rekwiżizzjoni saret "for providing living accomodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accomodation"; illi din id-dar ġiet allokata mill-konvenut Podestà nomine lill-konvenuta Scerri biex din tużaha bħala "Casa Industriale"

u mhux għall-abitazzjoni; talab (1) li jiġi dikjarat minn din il-Qorti u deċiż illi r-Requisition Order numru 16878 tas-16 ta' Lulju 1957 maħruġa mill-konvenut Podestà nomine relattiva għall-fond 137 Race Course Street, Victoria, Gozo, hija nulla u bla effett, billi l-fond ma ġiex użat għall-iskop li għalieh ġie rekwiżizzjonat; (2) konsegwentement, jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenut Podestà nomine ma kellux dritt jallokaha lil Michelina Scerri, u li dik l-allokazzjoni hija nulla u bla effett; (3) li konsegwentement Michelina Scerri qegħdha tokkupa l-fond mingħajr titolu; (4) u l-istess Michelina Scerri tiġi kundannata tiżgombra mill-istess fond fi żmien qasir u perentorju li jiġi fissat minn din il-Qorti; (5) u l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu lill-attur, in linea ta' danni għall-okkupazzjoni tal-imsemmi fond mis-16 ta' Lulju 1958 sal-ġurnata li jiġu restitwiti ċ-ċwievet, dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, anki, jekk hemm bżonn, bl-opra ta' periti nominandi. B'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-attur; u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Frar 1959;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher miċ-ċitazzjoni, l-azzjoni preżenti hija bażata fuq il-fatt li r-Requisition Order in kwistjoni hija difettuża fil-forma; u d-difett hu magħmul jikkonsisti fil-fatt li din ma taqbelx mal-iskop li għalieh kienet intiża u ġiet maħruġa u ċjoè li, għalkemm kienet fil-fatt intiża u nħarġet biex fl-istess dar tibqa' tinżamm l-iskola tan-newl u nsiġ ieħor u affini (li hu "public interest"), l-Ordni relattiv juri li nħareġ "for providing living accomodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accomodation". Hu ta' min hawn jinnota li fiċ-ċitazzjoni l-attur jiċċita dawn il-kliem mir-Requisition Order, però ma jsemmi xejn il-kliem "in the public interest" li jirrikorru wkoll fl-istess Order;

Illi huwa veru li l-konvenuta Scerri tgħid, fin-nota taleċċezzjonijiet tagħha u fid-dikjarazzjoni tal-fatti, li hija minn dejjem kienet toqgħod fid-dar, kif għadha tagħmel

sal-lum, u għandha lil waħda oħra toqgħod magħha; huwa veru wkoll li din id-dikjarazzjoni tinsab b'xi mod korroborata mix-xhieda tal-konvenut Podestà (fol. 33); b'mod li wieħed ma tantx jista' jifhem sew id-dikjarazzjoni magħmula fil-verbal tal-10 ta' Novembru 1960, fis-sens li d-difensuri jaqblu li l-fond in kwistjoni mhux qiegħed jiġi wżat għall-abitazzjoni. Ta' min, però, hawn jinnota li sa allura l-konvenuta Scerri kienet għadha ma ġietx notifikata biċ-ċitazzjoni (li ġara fis-16 ta' Novembru 1960), u għalhekk dik id-dikjarazzjoni ma saretx għan-nom tagħha wkoll, u ma tistgħax tippreġudikaha. B'dan kollu, però, ammess ċjoè dan kollu favur l-istess konvenuta Scerri, fis-sens li dejjem okkupat u għadha tokkupa l-fond ukoll bħala abitazzjoni, il-vera kwistjoni tibqa' fuq l-iskop li għalieh jidher li ħareġ ir-Requisition Order u l-użu li għalieh il-fond ġie mogħti lilha, kif dikjarat mill-istess Dipartiment u minnha stess aċċettat u anki mgħarraf lill-attur nomine. Dan l-użu hu għal skop industrijali, kif jgħid l-attur nomine fiċ-ċitazzjoni u jirriżulta mid-dokumenti a fol. 37 u 38 (li tagħhom il-konvenut Podestà *nomine* ppreżenta l-oriġinali b'nota tal-31 ta' Marzu 1962);

Illi hu utili jiġi huwa notat li d-data fuq dawn id-dokumenti trid tkun it-13 ta' Frar, u mhux ta' Marzu, tas-sena 1959, kif jidher fuqhom (billi hemm "13/3/59" minflok "13/2/59"), u anki fin-nota li biha ġew eżibiti (fol. 35). Dan jirriżulta ċar mil-fatt li l-ittra mibgħuta lill-attur (kopja a fol. 36), li tagħmel riferenza għalihom bħala ġa ġraw, hija datata "13th February, 1959"; u anki mil-fatt li l-ittra uffiċjali li bagħat l-attur lill-konvenut Podestà nomine, evidentement wara li rċieva din l-ittra tat-13 ta' Frar 1959, hija datata 21 ta' Frar 1959 (fol. 16); din l-aħħar data, mbgħad, ċjoè tal-21 ta' Frar 1959, hija konfermata mill-oħra li tidher fid-dokument a fol. 14 (i.e. ittra tal-konvenut Podestà nomine tat-13 ta' Marzu 1959 responsiva għaliha);

Ikkunsidrat;

*Illi kif ġa msemmi, l-attur qiegħed jitlob li r-Requisition Order ġie maħruġ* nullament, peress li ħareġ f'forma (i.e. għall-abitazzjoni) li ma taqbelx mal-użu li kien sejjer

isir mill-fond rekwiżizzjonat, skond il-fehma ta' min kienet l-ordni u alloka l-fond fil-fatt (i.e. għal skop industrijali). Ta' min jinnota, però, li l-ordni ħareġ fis-16 ta' Lulju 1957 (kopja legali a fol. 5), mentri ċ-ċwievet ġew fil-fatt konsenjati lid-Dipartiment fit-13 ta' Frar 1959 (ara final talewwel paragrafu *tal-kopja tal-ittra ta' din id-data a fol.* 36); kien f'din l-aħħar data, ċjoè kważi sentejn wara l-ħruġ tal-Ordni, li fil-fatt il-fond ġie allokat, u ġie hekk allokat temporaneament sakemm il-Gvern jiddeċidi fuq l-użu kontinwat tal-fond bħala skola ndustrijali;

Illi hu ovvju li dak li ġara fil-każ preżenti, u ċjoè li jgħaddi żmien bejn il-ħruġ tal-Ordni u *l-allokazzjoni tal-*fond rekwiżizzjonat, hija r-regola, u mhux l-eċċezzjoni, b'mod li l-iskop eżistenti fil-mument tal-ħruġ tal-Ordni jista' ma jkunx għadu jeżisti fil-mument meta l-post jiġi f'idejn id-Dipartiment. Hu anki loġiku li wieħed jistenna li, biex id-Dipartiment ikollu l-possibbiltà jaqdi l-każi li jippreżentaw ruħhom lilu minn żmien għal żmien, huwa jrid ikollu *fondi disponibbli li jista' jalloka,* b'mod *li mhux neċessar-*jament ikun hemm skop preċiż u partikulari għal kull Ordni li joħroġ, għalkemm hu raġjonevoli wieħed jimmaġina li jkun hemm dejjem talbiet lid-Dipartiment, u dan huwa wkoll dejjem interessat u għandu d-dritt, kif ukoll l-obligu, li jara li t-tqassim tad-djar ikun tajjeb. Il-konsegwenza *ta' dan hija li meta jinħareġ ordni ta'* rekwiżizzjoni mhux neċessarjament ikun hemm diġa' fissat l-użu li sejjer isir minnu, liema użu jkun għalhekk iddetermina f'kull każ il-ħruġ tal-istess Ordni, u kwindi jkun ir-raġuni għaliex ħareġ dak l-Ordni partikulari. Il-vera raġuni tal-ħruġ tal-Ordni wieħed irid jaraha u fil-fatt hija s-sitwazzjoni li ġiegħlet lil-leġislatur jemana l-liġi stess biex jovvja b'xi mod għan-nuqqas ta' bini, u hekk jintlaħaq skop publiku, jew tintlaħaq distribuzzjoni ekwa tal-istess, salv li wara, meta jiġi fil-fatt konsenjat il-fond lid-Dipartiment, issir l-allokazzjoni tal-fond rekwiżizzjonat skond dan l-interess publiku u din l-ekwità;

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tridx tasal għall-konklużjoni li l-uffiċjal inkarigat mir-rekwiżizzjonijiet jista' joħroġ ordni f'forma u mbgħad jużа l-fond rekwiżizzjonat għal skop li mhux ġustifikat fl-istess Ordni;

*salva, naturalment, il-fakoltà li, wara li jkun daħal fil-pussess* legali tiegħu u wżah għall-iskop preċiżat fl-Ordni, hu jbiddel dan l-użu fis-sens tal-art. 4(6) tal-Att No. II tal-1949. Dawn il-konsiderazzjonijiet ġew premessi biex wieħed jasal għall-konklużjoni li ċ-ċirkustanzi neċessarjament jissuġġerixxu li biex jintlaħaq l-iskop tal-liġi għandha tinżamm *ċerta latitudini fil-mod* ta' kif issir l-allokazzjoni ta' fond rekwiżizzjonat, li però trid tkun ġustifikata mill-forma tal-Ordni stess tar-rekwiżizzjoni relattiva. Hu ovvju li l-unika soluzzjoni f'dan is-sens ma tistgħax tkun ħlief li r-raġuni għall-ħruġ tal-Ordni (jekk din tissemma) trid tkun tikkomprendi kull xorta ta' allokazzjoni eventwali; u billi din trid tkun skond il-liġi, is-soluzzjoni hi li jissemmew *ir-raġunijiet kollha li skond il-liġi jiġġustifikaw il-ħruġ tal-Ordni*, u ċjoè (a) l-interess publiku, (b) sabiex in-nies ikollhom fejn joqgħodu, u (c) sabiex ikun hemm tqassim tajjeb tad-djar. Hemm ukoll raġuni oħra, suġġerita minn motivi ta' prattiċità, biex il-forma tkun tali li tista' tapplika għall-każi kollha, u ċjoè biex ma jkunx hemm bżonn li jiġu wżati formoli differenti skond l-użu li għalieħ il-fond ikun sejjer *jiġi allokat jew użat, jew li tinħareġ formola ġdida* jekk tinbidel l-idea f'dan ir-rigward, qabel l-ewwel allokazzjoni, kif appuntu setgħet tbiddlet fil-każ preżenti;

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ordni in kwistjoni kien konċepit f'termini li jabbraċċjaw it-tliet ipotesi msemmija; u *din hija l-vera kwistjoni li trid tiġi deċiża*, billi, bir-raġunijiet kollha li jistgħu jissuġerixxu forma simili, irid jiġi eżaminat u deċiż jekk il-forma fil-fatt użata tikkomprendix dawn it-tliet ipotesi. Il-Qorti, kif presjeduta, taf li hemm deċiżjonijiet differenti għal din il-fehma tagħha, kuntrarja. Ir-raġuni li nduċietha tagħmel dan hi kostitwita mill-atteġġjament tal-attur stess, li juri li hu stess kien qabel ma' din il-fehma, b'mod li jista' jingħad li hu rrinunzja għaddifett ta' forma fir-Requisition Order fil-kwistjoni, li l-lum qiegħed ipoġġi bħala bażi tal-azzjoni preżenti. Dan l-atteġġjament hu dak li jirriżulta mill-ittra uffiċjali tiegħu tal-21 ta' Frar 1959 (kopja a fol. 16), "wara" li hu sar jaf għal liema skop il-fond in kwistjoni kien ġie allokat (i.e. għal skop industrijali), meta ġa kien jaf bil-forma tar-Requisition Order li kien ħareġ fir-rigward (id-dok. a fol. 5 hu kopja tal-Order oriġinali preżentat f'kawża fejn l-attur kien parti

— ara fol. 5 tergo); infatti hu allura ma ħax l-atteġġjament li ħa issa, u ċjoè ma qalx li dik l-allokazzjoni ma setgħetx issir jew kienet nulla (propriju l-meritu tat-tieni domanda odjerna), iżda biss talab li, ladarba l-fond kien qed jiġi wżat għal skop industrijali, allura ppretenda kera adegwat għal dan l-użu, li però l-konvenut ra eżaġerat (fol. 14). Dan l-atteġġjament neċessarjament jimplika aċċettazzjoni tal-validità tal-allokazzjoni għall-użu ta' skop industrijali, u konsegwentement ukoll aċċettazzjoni tal-validità tal-Ordni, li biss imħabba fih setgħet issir l-istess allokazzjoni għall-iskop lilu wkoll debitament mgħarraf (fol. 36);

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti tħoss li l-attur ma setgħax iżjed iqajjem il-kwistjoni tan-nullità tar-Requisition Order, bażata din kif inhi fuq difett ta' forma biss, li l-konvenut Podestà nomine, kieku sollevata allura, kien jista' jirregolarizza. Il-Qorti tara f'dan il-każ ċerta analoġija mal-każ prospettat mill-art. 792 u 793 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u tosserva li ċ-ċitazzjoni preżenti ġiet preżentata fit-23 ta' Frar 1960, u ċjoè ċirka sena wara l-iskambju tal-ittri uffiċjali li kellhom l-attur u l-konvenut Podestà nomine (dok. a fol. 16 u 14), bażati t-tnejn fuq il-validità tar-Requisition Order in kwistjoni;

Illi, kwantu għad-diċitura ta' dan l-Order, il-Qorti tkompli toserva, b'riferenza għal dak li qalet u bi spjega tal-fehma li esprimiet dwaru, li l-argument prinċipali miġjub kontra l-istess fehma hu fis-sens li l-kliem "sabiex innies ikollhom fejn joqgħodu u sabiex ikun hemm taqsim sewwa tad-djar" qegħdin jirrestrinġu s-sens tal-kliem "interess publiku" immedjatament preċedenti. Il-Qorti tara l-forza ta' dan l-argument; però, bir-rispett kollu tosserva li dan ikun inkonfutabbli biss kieku l-istess kliem ma kienx ikollhom sens u ma kienux jistgħu joqgħodu mingħajr il-kliem "interess publiku", li huma, skond dan l-argument, qegħdin jimmodifikaw, billi allura, bla dubju ta' xejn, ikunu qegħdin jiddependu mill-istess kliem u jieħdu sens minnhom jew ibiddlu s-sens tagħhom. Il-Qorti, però, tħoss li l-Ordni kien jibqa' jkollu sens kieku l-istess kliem "interess publiku" kienu ommessi għal kollox, u kien ikun fis-sens biss li ġej:— "Billi huwa meħtieġ,

sabiex in-nies ikollhom fejn joqgħodu, li jittieħed il-pussess tal-bini . . . . . " L-istess ħaġa jingħad li kieku l-Ordni, f'lok il-kliem sottolineati, kellu biss il-kliem "fl-interess publiku", jew il-kliem "sabiex ikun hemm tqassim tajjeb tad-djar". Issa, dawn huma t-tliet raġunijiet, waħda ndipendenti mill-oħra, li skond il-liġi (art. 4(1) tal-Att II tal-1949, li però juża kliem differenti tal-istess sostanza — il-kliem fuq użati jirrikorru fir-Requisition Order in kwistjoni) jistgħu jiġġustifikaw il-ħruġ tal-Ordni, li hija l-forma preskritta mill-liġi għall-fini tar-rekwizzjoni. Li dan hu hekk jidher mill-fatt li fil-liġi dawn it-tliet raġunijiet jinsabu magħquda flimkien bil-kelma "jew";

Intant, però, fl-Ordni in kwistjoni ż-żewġ raġunijiet li skond l-ipotesi kuntrarja huma msemmija, u ċjoè "sabiex in-nies ikollhom fejn joqgħodu" u "sabiex ikun hemm tqassim tajjeb tad-djar", jinsabu magħquda flimkien bil-kelma "u"; u dan, fil-ħsieb tal-Qorti, juri li probabbilment, għar-raġunijiet suġġeriti miċ-ċirkustanzi li jinfluwixxu fuq l-attwazzjoni tal-liġi ġa deskritti, l-awtorità rekwiżizzjonanti riedet u għamlet Ordni fil-fatt bażat fuq it-tliet raġunijiet flimkien jew konġuntament (ċjoè mhux diżġuntament bl-użu tal-kelma "jew" bejn kull raġuni), u għalhekk bejn l-ewwel ("fl-interess publiku") u t-tieni ("sabiex in-nies ikollhom fejn joqgħodu") użat biss virgola, u bejn din u t-tielet ("sabiex ikun hemm tqassim tajjeb tad-djar") użat il-kelma "u". Il-Qorti tħoss li din kienet il-fehma ta' min ifformula l-Ordni fuq l-istess liġi, u ssibha diffiċli li tissuġġerixxi formula oħra li tikkorrispondi għal din il-fehma;

Dan ir-raġunament japplika ugwalment għall-versjoni ngliża tal-Ordni; l-unika differenza bejn iż-żewġ versjonijiet tirrigwarda n-neċessità jew l-espedjenza li jsir l-Ordni, billi fil-Malti jingħad "Billi huwa meħtieġ . . . . ", mentri fl-Ingliż hemm "Whereas it is expedient . . . . . ". Dan ma jbiddelx is-sens li għandu jingħata lil dik il-parti tagħha li ġiet eżaminata, u ż-żewġ kelmiet jirrikorru fil-liġi (art. 4(1) ċitat). Interpretazzjoni differenti ta' din il-formula twassal għal ċertu konflitt fl-interpretazzjoni tal-liġi, billi neċessarjament twassal li wieħed jikkunsidra taħt ir-raġuni espressament indikata bħala "fl-interess publiku" żewġ raġunijiet li skond il-liġi huma kunsidrati xi ħaġa differenti

minn dik ir-raġuni. Kif intqal, l-attur stess għall-bidu fehem l-Ordni fis-sens kif fehmitu din il-Qorti, u aġixxa fuq l-Ordni hekk ukoll interpretat u mifhum, u ma jistgħax il-lum jagħtieh interpretazzjoni differenti, speċjalment li l-forma wżata tista', u anzi għandha, għar-raġunijiet premessi, twassal għas-sens li hu fehem l-Ordni u mexa fuqu;

Ikkunsidrat;

Illi l-konsiderazzjonijiet premessi naturalment iwasslu għaċ-ċaħda tal-ewwel domanda biss; hu evidenti, però, li d-domandi l-oħra taċ-ċitazzjoni huma bażati lkoll fuq din l-ewwel domanda, b'mod li ċ-ċaħda tagħha twassal neċessarjament għaċ-ċaħda tagħhom ukoll;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad id-domandi tal-attur nomine. L-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa; però, id-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attur nomine.